# IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Rikors ippreżentat fis-27 ta’ Marzu 2009 — Ingo Hanschmann vs Europol**

**(Kawża F-27/09)**

(2009/C 167/46)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ingo Hanschmann (l-Aja, l-Olanda) (rappreżentant: P. de Casparis, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)

**Suġġett**

Annullament tad-deċiżjoni tat-12 ta’ Ġunju 2008 li tinforma lir-rikorrent li ma kellu ebda possibbiltà li jiġi offrut impjieg permanenti, kif ukoll tad-deċiżjoni tas-7 ta’ Jannar 2009 li tiċħad l-ilment imressaq kontra l-ewwel deċiżjoni.

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-deċiżjoni tat-12 ta’ Ġunju 2008 li permezz tagħha l-konvenut indika lir-rikorrent li ma setax jipproponilu impjieg permanenti kif ukoll id-deċiżjoni mogħtija fir-rigward ta’ ilment fis-7 ta’ Jannar 2009 li qalet li l-oġġezzjonijiet tar-rikorrent kontra d-deċiżjoni tat-12 ta’ Ġunju 2008 kienu infondati.

— tikkundanna lill-Europol għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fis-27 ta’ Marzu 2009 — Kipp vs Europol**

**(Kawża F-28/09)**

(2009/C 167/47)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Michael Kipp (L-Aja, l-Olanda) (rappreżentant: P. de Casparis, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni tat-12 ta’ Ġunju 2008 li tinforma lir-rikorrent dwar l-impossibbiltà li ssirlu offerta ta’ impjieg permanenti, kif ukoll tad-deċiżjoni tas-7 ta’ Jannar 2009 li tiċħad l-ilment imressaq kontra l-ewwel deċiżjoni.

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-deċiżjoni tat-12 ta’ Ġunju 2008 li permezz tagħha l-konvenut indika lir-rikorrent li ma setax joffrilu impjieg permanenti kif ukoll id-deċiżjoni dwar l-ilment, tas-7 ta’ Jannar 2009, li kkonstatat bħala infondati l-oġġezzjonijiet li r-rikorrent ressaq kontra d-deċiżjoni tat-12 ta’ Ġunju 2008;

— tikkundanna lil Europol għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-2 ta’ April 2009 — Sluiter vs Europol**

**(Kawża F-34/09)**

(2009/C 167/48)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Rudolf Sluiter (Hillegom, l-Olanda) (rappreżentant: P. de Casparis, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)

**Suġġett**

L-annulament tad-deċiżjoni tat-12 ta’ Ġunju 2008 li tinforma lir-rikorrent bl-impossibbiltà li jiġi offrut impjieg permanenti, kif ikoll tad-deċiżjoni tas-7 ta’ Jannar 2009 li ċaħdet l-ilment imressaq kontra l-ewwel deċiżjoni.

**Talbiet tar-rikorrent**

— jannulla d-deċiżjoni tat-12 ta’ Ġunju 2008 li biha l-konvenut indika lir-rikorrent li ma setax joffrilu impjieg permanenti kif ukoll tad-deċiżjoni mogħtija fuq ilment tas-7 ta’ Jannar 2009 li kkunsidrat infondati l-ilmenti li r-rikorrent ressaq kontra d-deċiżjoni tat-12 ta’ Ġunju 2008;

— jikkundanna lill-Europol għall-ispejjeż.